Jgħajtu b'kemm kellhom saħħa r-raħħala:
" 'Tuh il-kelb! Żewġt uċuh! Assassini!"

Min bl-għesieleġ tas-siġar ivenvnu,
Min bil-ġebel, in-nies fuqu ġriet:
Hu mill-ewwel induna bin-nasba,
U telqilha dikment għal ġol-wied.

Għal warajh ġibdu dlonk u sal-baħar
Baqgħu jrossu sa kemm fuq il-blat
Fl-aħħar wasal Kurradu u n-nies għajtet:
"Nifgawh mela lil dax-xellerat!"

'Mma Kurradu f'wiċċ l-ilma fis telaq
Il-mantell, fuqu ntafa' għarrkobbtejh;
Qam ir-riħ, u l-mantell qata' 'l barra;
Il hemm baqgħet in-nies tħares lejh.

Rawh idejh jgħolli 'l fuq fit-talb tiegħu
Lill-Mulej biex jaħfrilhom dad-dnub;
Ilkoll telqu l-għesieleġ u l-ġebel,
U bdew jgħajtu lill-bniedem maħrub;

"Deh aħfrilna, iddew, o Kurradu!
Erġa' fostna u minn qalbna nwegħduk
Illi nbiddlu dil-ħajja qarrieqa,
U li f'kull ma widdibtna nobduk."

Imma kliemhom le reġa' ġieb lura
'L-eremita tal-knisja tal-wied:
Rawh isalpa lejn Għawdex, u fl-aħħar
Sar daqs tikka, u għab fl-akbar skiet.

Reġgħu terrqu sal-knisja fejn jgħammar
Kien Kurradu, u hemm fuq l-altar,
Il-bastun tiegħu qiegħdu, u telqu
B'qalb mifnija tan-niket bl-imrar.

Hekk kif telaq minn hemm San Kurradu,
Siktet f'daqqa n-nixxiegħa tal-wied:
Nixfu s-siġar u miet il-ward kollu;
U l-għollieq u l-ħurtan aktar żdied.



Frieħ in-naħal minn hemm kollha siefru,
U aktar ħosshom fil-wied ma nstemax;
Il-għasafar ukoll taru 'l barra:
Ħlief mazkan u gremxul ma baqax.

Wied il-Għasel — għax hekk baqa' jismu —
Taħt ir-raħal ma kienx għall-Mostin
Ħlief tiċrita li minnha s-sibbiena
Kienu jaqbżu għal fuq ir-raħlin.

Siegħa lejl siksnijiet kienu jidħlu
Minn ġol-Qawra dikment ġo dal-wied;
Jaħtfu bhejjem u nies u jġorruhom
Lejn ix-xwieni tal-lejla fis-skiet.

Għadda ż-żmien, u l-bastun ta' Kurradu
Mimli ward fuq l-altar kien misjub:
San Kururadu mis-sema b'hekk wera
Lill-Mostin li nħafrilhom id-dnub.

U l-Mostin ftakru l-wegħda li għamlu
Lil Kurradu x'ħin tbiegħed mix-xatt,
U b'idejhom bnew knisja mill-akbar.
U mill-isbaħ li d-dinja rat qatt.

## Rajtek Tistenna

Rajtek tistenna ħiemda fuq is-setaħ
lix-xemx ta' mħabbtek tersaq lejk mill-bogħod:
f'għajnejk u fuq xofftejk id-dawl tat-tama,
qalbek ġo sidrek bħal għasfur tirtogħod.

Rajtek tistenna ħiemda fuq is-setaħ
lil frott imħabbtek, manna mis-smewwiet;
f'għajnejk il-ħolm fejn rajtu kbir fost sħabu,
ismu jidwi b'tifħir ma' rħula u bliet.

Rajtek tistenna ħiemda fuq is-setaħ
— riefnu qerried kien minn fuq l-art għaddej —
u 'l frott imħabbtek dak ir-riefnu ġarru
u int stennejt; iżda stennejt għal xejn.

Rajtek tistenna ħiemda fuq is-setaħ ...

**George Zammit**
**H'Attard, 9-VII-75.**